# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Ottubru 2004 fil-5.00p.m.
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' Novembru 2004 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Diċembru 2004 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Jannar 2005 fit-3.00p.m.
   Ikun hemm transport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6 A/2, Main Street, Siġġiewi.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud kif ukoll domni u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej:
   http://www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jiġħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press - Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 60 OTTUBRU 2004 JITQASSAM BLA ĦLAS



## TISLIMA LIL MONSINJUR A. BUONTEMPO

Mhux miet imma beda ħajja ġdida, ħajja ferm isbaħ u mingħajr sofferenzi. Qiegħed igawdi lill-Mulej u lill-Madonna li tant kien iħobb u tant ħadem għalihom. Reġa' ingħaqad mal-maħbuba Ġuża tagħna, sabiex flimkien ma' erwieħ oħra li ħadmu bis-sħiħ għat-tixrid tad-devozzjoni lejn it-titolu Madonna tal-Konsagrazzjoni, ikomplu jitolbu għalina ħalli l-messaġġ tal-Girgenti jkompli dejjem jinxtered u jagħti l-frott.

Fiżikament, Monsinjur Amante Buontempo ħalliena nhar it-Tnejn 21 ta' Ġunju 2004 iżda l-memorja tiegħu tibqa' magħna għal dejjem. Huma diversi l-esperjenzi u l-interventi tiegħu magħġuna fi ħdan il-Moviment tagħna li jagħmlu minnu kolonna għal dan il-Moviment. Bil-mewt tiegħu din il-kolonna ma nkisritx, ma ċeditx, iżda tibqa' għal dejjem issaħħaħ dak li nbena s'issa u għad irid jinbena.

Ħafna minna niftakru b'liema ħeġġa kien jirrakkonta l-ewwel mawra tiegħu għand Ġuża. Ma kinitx ippjanata minnu iżda hekk kienet ir-rieda tal-Mulej. Niftakruh jgħid kif ħutu s-sorijiet qalulu li kienu sejrin għand waħda mara mis-Siġġiewi li tgħid li tkellimha l-Madonna. Talbuh imur magħhom u hu aċċetta iżda qalilhom, "Isma, mhux għax tgħid li tkellimha l-Madonna ser niġi magħkom, imma ser niġi magħkom biex inkun naf lil din il-persuna." Kif stqarr

f'intervista li ta ftit ġimgħat qabel ma ħalliena, din l-ewwel laqgħa ma' Ġuża Mifsud ikkonvinċietu mill-qdusija tagħha. Kif fetħu l-bieb, l-ewwel kelma li qaltlu Ġuża kienet "Għandi bżonnok." Dan kif meta hi qatt ma kienet ratu, qatt ma kien kellimha? Dan kien il-bidu!

Qaltlu li meta ftit wara kellu jmur Ruma riditu jieħu nkwadru kbir tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni lill-Papa. Hekk għamel, għalkemm ma tahx lill-Papa personalment izda l-inkwadru flimkien ma xi dokumenti oħra li kienet tagħtu Ġuża u li kien ittraduċa bit-taljan, ħallihom f'uffiċċju li kien hemm għal dan il-għan. Kien ferm sodisfatt meta xi tliet xhur wara kien irċieva telefonata mis-Segretarju tan-Nunzju Appostoliku biex imur ikellmu. Meta mar, dan qallu li l-affarijiet li kien ħa lill-Papa kienu waslulu kollha.

Monsinjur Buontempo kien ukoll strumentali sabiex Ġuża tibda titkellem dwar il-Madonna taħt it-titlu tal-Girgenti. Kien fil-21 ta Ottubru 1985, sentejn wara li Ġuża kienet bdiet titkellem dwar it-titlu tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, li hi telgħet il-Girgenti flimkien ma' Mons. Buontempo u qaltlu fejn kienet rat il-Madonna fuq is-siġra tan-naspli. Meta Ġuża sqarret mal-Monsinjur li l-Madonna kienet qaltilha li tridha tgħid kif kienet ratha fil-Girgenti u li riedet statwa tagħha hemmhekk, hu kien għamlilha ħafna kuraġġ u qalilha li qabel tagħmel dan hi mhix ser toqgħod bi kwieta. Dan il-kuraġġ u parir siewi minnaħa tiegħu wassal lil Ġuża tiftaħ il-messaġġ tal-Girgenti u t-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna hemmhekk fil-5 ta' Mejju 1986.

Kif nista' ma nsemmix il-preokupazzjoni li kellu fuq Ġuża meta kien jaf li din kienet iżżomm id-dar id-donazzjonijiet li tirċievi. Talab ħafna u jistqarr li kien imnebbaħ li jwaqqaf Kumitat sabiex l-affarijiet mhux biss isiru sew iżda jkunu jidhru wkoll li qed isiru sew. Kien hu li fassal l-Istatut tal-Moviment tagħna, statut li għadu jiggwidana sallum. Għal snin twal kien Direttur Spiritwali tal-Kumitat u l-membri kollha jaqblu li dejjem qeda dmiru bl-aktar mod rett f'Kumitat ta' natura daqshekk delikata. Sakemm saħħtu kienet tippermetti dejjem tela' l-Girgenti sabiex waqt il-laqgħat ta' talb jindirizza l-ġemgħa bi kliem mirqum u meqjus. F'Settembru 1993 huwa kien qal, "Meta nieqaf daqsxejn nimmedita u naħseb fuq dan il-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, ngħid li huwa misteru. Misteru għaliex dan it-titolu tal-Madonna imkien ma sibnieh miktub, imkien ma' jeżisti. Il-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni għandu sinifikat kbir, għandu tifsira kbira..." Personalment ma nistax ninsa l-paċenzja li kien jieħu bija meta kont nippubblika xi ktieb ġdid. Kien idur il-manuscritt b'reqqa kbira u dejjem kellu kliem ta' tifħir kif jixhdu l-"Kelmtejn ta' Introduzzjoni" li kiteb għas-Seba' Ktieb.

Għall-Monsinjur, Ġuża kienet mara ta' qdusija kbira. Kemm-il darba stqarr



li hu jibqa' mistagħġeb bi kliemha. Kien jgħid, "Ma' jista' jkun qatt li dak il-kliem qegħda tgħidu bniedma illi żgur m'għandix dak l-għerf illi qegħda tesprimi hemmhekk... Inħoss li dan l-għerf ma' kienx ta' Ġuża imma ta' Alla, kienet il-Madonna, kien l-Ispirtu s-Santu li qed jilluminaha." Ħafna kienu d-drabi li kien hu li wassal lil Ġuża għal-laqgħat fil-Girgenti. Hawn ma nistax ma nsemmix il-laqgħa ta' Ġunju 1988. Kien il-Monsinjur li waqt li qed iwassalha bil-karozza u waslu ħdejn iċ-Cimiterju tas-Siġġiewi qalilha, "Ġuża llum l-ajru iswed wisq u ħa jidlam kmieni." Iżda hi weġbitu li l-bandiera dalwaqt kienet ser toħroġ u wara kien ser ikun hemm xi ħaġa oħra. Kien proprju dakinhar li seħħew diversi fenomeni fix-xemx...

Iżda żgur li f'dawn l-aħħar żminijiet l-aktar mument ta' ferħ għal ħuwna fi Kristu l-Monsinjur kien proprju fid-19 ta' Marzu 2003. Kien ferħan se jtir għax l-Arċisqof taħ il-permess li jagħmel quddiesa fil-post tant għażiż għalih tal-Girgenti. Għalih kienet warda li kif qal hu stess, "ser inqiegħed f'riġlejn il-Madonna, biex hi tkattarha u tkompli twarrad..."

Żgur li ma nistgħux ninsew l-ubbidjenza u r-rispett li l-Monsinjur dejjem kellu lejn l-Awtoritajiet tal-Knisja. Fl-aħħar laqgħa li ndirizza fil-Girgenti, dik tal-5 ta' Mejju 2003, inti wissejtna sabiex nobdu lill-Arċisqof għax min jobdi mhux biss isir qaddis, imma jaqla' dak kollu li jixtieq, u li jaqla' dawn l-affarijiet mhux meta jitlobhom iżda meta ma jkunx qed jistenniehom. Proprju laqatni l-kliem li qal Monsinjur Carmelo Zammit fl-Omelija li għamel waqt il-funeral tiegħek, meta qal, "Aktar milli għal dak li għamilt għall-Girgenti, aktar ser tibqa' magħruf għal dak li ma għamiltx b'rispett lejn l-ubbidjenza li kellek lejn l-Awtoritajiet Ekklesjastiċi."

Nirringrazzjak Mulej li laqqajtna ma' Monsinjur Buontempo u sliftulna għal tant snin sabiex ikun id-Direttur Spiritwali tagħna. Nirringrazzja wkoll lill-familja tiegħu li wkoll ippermettew li jagħti dan il-kontribut. Nagħlaq b'appell li kien għamel wara l-mewt ta' Ġuża meta kien qal: "Jekk tridu tibqgħu tħobbu lil Ġuża u t-tifkira tagħha... żommu l-Madonna dejjem quddiemkom, il-Madonna tal-Konsagrazzjoni, ħobbuha u ftakru f'dan il-wied tal-Girgenti." Jekk inħobbu l-Monsinjur għandna nilqgħu din is-sejħa ta' dan ħuwna li kien iħossu marbut bl-azzar mal-post tal-Girgenti.

Grazzi Mulej, grazzi Monsinjur, ma ninsewk qatt!

*Sylvana Spiteri LL.D*

**Inqara waqt quddiesa li l-Kumitat organizza b'suffraġju għar-ruħ Mons. Buontempo fil-Knisja ta' San Pawl, il-Belt Valletta, nhar it-Tlieta 3 ta' Awissu 2004.*

# IL-MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI... LIEMA KONSAGRAZZJONI? ...

Għad hawn ħafna li ma jafux sew x'inhi, u liema hi, il-Konsagrazzjoni li l-Madonna, kif qalet Ġuża Mifsud, semmitilha meta dehritilha billejl waqt li kienet se torqod wara li qalet ir-rużarju ma' ommha. Naraw fuq fuq il-ġrajja ta' din id-dehra.

Ġuża kienet qalet li din id-dehra seħħet xi tliet ġimgħat wara l-Kungress tax-Xirka tal-Isem t'Alla li sar Raħal Ġdid, fil-5 ta' Mejju 1949, meta Ġuża kellha 26 sena.

Fil-Laqgħa ta' Talb li saret il-Girgenti, f'Awissu 1986, Ġuża irrakkuntat dan li ġej: "Minn ċkuniti, jiena kont ikkonsagrata 'l Alla u dan it-titlu (Madonna tal-Konsagrazzjoni) ħadd ma tahuli mid-dinja; imma għoġobni nniżżilulek jien, biex tgħidilhom inti bih dan it-titular, li qed jagħmel ħafna u ħafna grazzji fid-dinja..."

Din id-dikjarazzjoni ta' Ġuża Mifsud hija kkonfermata minn żewġ kotba li ġew f'idejja u jixhdu l-verita' f'dak li qalet Ġuża. Dawn il-kotba inkitbu minn revelazzjonijiet li għamlet il-Madonna lil min kitibhom. Wieħed mill-kotba jismu: The Life of the Blessed Virgin Mary miktub mill-Venerabbli Sister Anne Catherine Emmerich, u kien ippubblikat l-ewwel darba f'1954. Il-ktieb l-ieħor, bit-Taljan, hu l-ewwel volum (minn għaxra) li jismu: Il Poema dell' Uomo Dio, li ġie maqlub għal diversi lingwi, u kien miktub minn Maria Valtorta u ippubblikat l-ewwel darba f'1956.

Ġuża żgur li ma kinetx taf bihom dawn il-kotba!... u lanqas ma kien hemm min issuġġerielha tgħid dak li qalet! Dawn il-kotba jirrakkuntaw kif il-Madonna ġiet ikkonsagrata 'l Alla meta Sant Anna marret it-Tempju għaċ-ċerimonja tal-Purifikazzjoni tagħha, akkumpanjata mill-qraba tagħha. Mela l-Madonna baby kellha xi ftit ġimgħat biss, dakinhar taċ-ċerimonja. Għalhekk, il-Preżentazzjoni tal-Madonna fit-Tempju, meta kellha tliet snin, mhijiex il-Konsagrazzjoni li l-Madonna semmiet lil Ġuża. Wara kollox il-Preżentazzjoni tal-Madonna hija magħrufa sew fil-Knisja u ilha tiġi ċċelebrata fil-21 ta' Novembru għal mijiet ta' snin.

Maria Valtorta kitbet hekk: "Wara li Anna kienet ġiet ippurifikata, Żakkarija reġa' ingħaqad mal-grupp ta' nies li kienu ġew għaċ-ċerimonja ma' Anna u r-raġel tagħha Ġwakkin. Żakkarija feraħ lil omm u missier Maria u qal: 'Mela din it-tarbija hija issa kkonsagrata lill-Mulej! Il-Barka Tiegħu tinżel fuqha u fuqkom.'"

Valtorta tkompli tgħid: "Iċ-ċerimonja (tal-Konsagrazzjoni ta' Marija) kienet spiċċat. Jiena ma rajtx xi rit speċjali għall-konsagrazzjoni ta' Marija. Forsi kien biżżejjed li jgħidu lis-Saċerdot u l-aktar lill-Mulej, fil-post sagru."

Il-Venerabbli Sister Emmerich tat aktar dettalji għax issemmi saħansitra l-ismijiet tal-qraba ta' Eliżabetta, Zakkarija, Anna u Ġwakkin. Hi iddeskriviet iċ-ċerimonja kif ġej: " Enue, oħt Eliżabetta, ġabet il-baby Marija, imgeżwra fi ħrieqi ta' kulur aħmar u mgħottija bi drapp abjad trasparenti u qegħditha f'dirgħajn Ġwakkin... Is-Saċerdoti resqu lejn l-Altar fejn kien hemm ir-Rombli Sagri u talbu b'leħen għoli. Ġwakkin qiegħed it-tarbija f'dirgħajn is-Saċerdot il-Kbir li għolla t-tarbija bħala offerta lill-Mulej, waqt li talab, u poġġieha fuq l-Artal. Imbagħad ħa qisu imqass, u qata' tliet bezbużiet xagħar minn ras it-tarbija u ħaraqhom fi braċier. Ħa vażett taż-żejt u dilek il-ħames sensi tat-tarbija, billi b'sebgħu il-kbir missilha il-widnejn, il-għajnejn, l-imnieħer, il-ħalq u s-sider. Kiteb ukoll l-isem Maria fuq parċmina u poġġieha fuq sider it-tarbija. Marija ġiet mogħtija lil Enue li marret ittiha lil Anna. Kantaw l-Innijiet u wara bdiet l-ikla..."

Naħseb li dan kollu huwa ċar biżżejjed li l-Madonna kienet uffiċjalment ikkonsagrata lil Alla meta kienet tarbija ta' ftit ġimgħat. Mela Ġuża fehmet sew lill-Madonna. Il-Knisja qatt ma għamlet festa f'ġieħ din il-Konsagrazzjoni. Issa huwa d-dmir tagħna li nxerrdu din id-devozzjoni taħt it-titlu "Madonna tal-Konsagrazzjoni", li qed taqlagħlna tant grazzji... Inkomplu nżommu l-festa tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni fl-ewwel Ħadd ta' Mejju, kif riedet Ġuża fuq l-approvazzjoni tal-Madonna.

*Brother Victor Privitera F.S.C., B.A*

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek. Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li nżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.

*Glorja lill-Missier...*

# GRAZZJI MAQLUGHA

**Benny u Carmen Camilleri mir-Rabat, Malta iddikjaraw dan li ġej:** Aħna Benny u Carmen Camilleri nirringrazzjaw lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti qlajna din il-grazzja.

It-Tlieta 11 ta' Mejju 2004, għal ħabta tas-6.00p.m., it-tifel Eman kien fit-triq flimkien mal-facilitator, tela' fuq saqaf baxx imsaqqaf bil-pjanċi tal-plastik, ċeda bih u waqa' mas-sbatax-il filata.

Il-facilitator ġiet id-dar tgħidilna x'ġara u meta morna fuq il-post sibna t-tifel għadu ma' l-art u kien reġa' beda ġej f'sensih. It-tifel ittieħed l-isptar bl-ambulanza biex jittiħdulu l-X Rays.

Il-post fejn waqa' t-tifel kienet bitħa li fiha hemm żewġ pilastri, taraġ u boiler iżda hu u nieżel it-tifel ma laqat ma' xejn.

Fl-ambulanza, jiena Benny, tlabt lill-Madonna tal-Girgenti biex tidħol għalih.

L-isptar ħadulu mal-ħamsa u għoxrin X Ray iżda ħareġ kollox *clear*. Sarlu wkoll CT Scan minħabba d-daqqa fir-ras.

Dam biss jumejn l-isptar u l-Ħamis baghtuh id-dar. L-Erbgħa li għaddew (26 ta' Mejju) reġgħu sarulu testijiet oħra iżda dawn ikkonfermaw li t-tifel ma kellu xejn.

**Ritienne Mifsud Gafa' minn Ħaż-Żabbar kitbet hekk:** Jiena Ritienne flimkien mar-raġel tiegħi Jean Pierre, nixtiequ minn qalbna nirringrazzjaw lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud, tat-tarbija li tatna. Hija tifla u ser insemmuha Jeanelle Marie. Nirringrazzjaha tat-tqala u tal-ħlas ukoll.

Grazzi Madonna u kompli żomm idejk fuq iż-żewġ ulied tiegħi Jeanelle Marie u Aidan Luke. Inħeġġeġ lil kulħadd biex jitlob bil-qalb lill-Madonna u din tisimgħu żgur.

**Frankie Meli mill-Imsida kiteb hekk:** Ftit tal-ġimgħat ilu, il-mara tiegħi Domenica, kien ta attakk ta' anġina u ħadnieha l-isptar. Peress li fis-snin li għaddew diġà kienet għamlet ħames operazzjonijiet oħra, fosthom tal-qalb u oħra tal-vina maġġura, jiena tlabt lil Ġuża Mifsud u lil Sant Antnin



(li jien devot tiegħu) biex jekk inhu possibbli il-mara ma tergax tiġi operata.

Jiena din il-grazzja qlajtha. Il-mara qegħda tieħu biss pinnoli u sa issa ġejja għal aħjar.

**N.N.** tirringrazzja lill-Madonna li għamlet l-operazzjoni tal-Bypass u rnexxiet.

**N.N.** tirringrazzja lill-Madonna li għamlet operazzjoni biex titneħħa Fibroma u għadda kollox b'wiċċ il-ġid.

**V.G. minn B'Bugia kitbet hekk:** Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud li kemm binti, kif ukoll tliet neputijiet tiegħi kellhom tarbija b'saħħitha.

Waħda minn tal-familja, kellha tarbija. Qalulha biex lit-tarbija jagħmlulha l-ultra sound għax seta' kellha xi ħaġa fil-kliewi. Tlabt lill-Madonna għal din it-tarbija u hija semgħet it-talb tiegħi. L-ultra sound sar u sabu li kollox kien tajjeb. Kemm jien obligata lejk għażiża Marija. Grazzi mill-fond ta' qalbi.

Waħda min-neputijiet kellha ħlas diffiċli, tant li qalulha li jekk ma twellidx it-tarbija sa ċertu ħin kienu se jagħmlulha ċesarja. Meta qaluli b'dan, qbadt il-kuruna tar-rużarju u bdejt ngħid ir-rużarju bil-qalb. Spiċċajt ir-rużarju u ftit wara ċempluli u qaluli li welldet normali. Grazzi minn qalbi Madonna. Omm Ħanina inti veru ħniena bla tarf.

## AVVIŻ IMPORTANTI
## IT-28 TA' OTTUBRU

Nhar il-Ħamis 28 ta' Ottubru 2004 jaħbat it-tmien anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud. Ser tiġi ċelebrata quddiesa għal-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi dakinhar stess fis-6.30p.m. Kulħadd huwa mistieden.